

Brussell, 22 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

9464/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0726 (COD)

---

---

CODEC 956  
POLCOM 177  
COMER 89  
PE 74

## NOTA TA' INFORMAZZJONI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jindirizza l-effetti negattivi relatati mal-kummerċ tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mit-18 sal-21 ta' Mejju 2026)

---

### I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u mad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni<sup>1</sup>, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar din il-proposta fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA), Bernd LANGE (S&D, DE) ippreżenta f'isem il-Kumitat INTA emenda ta' kompromess (l-emenda numru 60) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, li għaliha r-rapporteur Karin KARLSBRO (Renew, SE) kienet ħejjiet abbozz ta' rapport, u ressqet ukoll emenda (l-emenda numru 61) għar-riżoluzzjoni leġiżlattiva li fiha dikjarazzjoni. Dawn l-emendi kien intlaħaq qbil dwarhom matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet l-ebda emenda oħra.

---

<sup>1</sup> ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

## II. VOT

Meta vvutat fid-19 ta' Mejju 2026, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 60) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq u l-emenda numru 61. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument<sup>2\*</sup>.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien ġie maqbul qabel bejn l-istituzzjonijiet. Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

<sup>2</sup> Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet mat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

\* L-iffurmattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kolloxx mal-verżjoni EN.

## P10\_TA(2026)0170

### **L-effetti negattivi relatati mal-kummerç tal-kapaçità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2026 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza l-effetti negattivi relatati mal-kummerç tal-kapaçità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni (COM(2025)0726 – C10-0245/2025 – 2025/0726(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0726),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0245/2025),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-komitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-23 ta' April 2026, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għall-Kummerç Internazzjonali (A10-0012/2026),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-*

*Unjoni Ewropea;*

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**P10\_TC1-COD(2025)0726**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tad-19 ta' Mejju 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza l-effetti negattivi relatati mal-kummerç tal-kapaçità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2170**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> *Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2026.*

Billi:

- (1) Is-settur tal-azzar huwa ċentrali għall-kompetittività u s-sigurtà tal-Unjoni. *L-azzar huwa wkoll essenzjali għal ħafna industriji oħra, bħall-industriji tat-teknoloġija nadifa, tat-trasport, tal-bini u tal-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni. Għalhekk, il-preservazzjoni ta' industrija tal-azzar kompetittiva u teknoloġikament avvanzata hija vitali għas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-Unjoni tqis li s-settur tal-azzar huwa strateġikament importanti u hija impenjata li tiżgura l-vijabbiltà, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà fit-tul tiegħu.*
- (2) *L-Unjoni għandha tradizzjoni twila ta' produzzjoni tal-azzar fil-bliet u r-reġjuni, fejn il-ħiliet intirtu minn ġenerazzjoni għal oħra ta' ħaddiema tal-azzar, li kellhom rwol ewlieni fis-sisien tal-manifattura tal-Unjoni u huma essenzjali biex isostnu l-kompetittività u l-valur soċjali għoli tas-settur tal-azzar.*

- (3) L-industriji tal-azzar fil-pajjiżi u r-reġjuni kollha, inkluża l-Unjoni, qed isofru **mill-impatt negattiv taż-żieda** fil-kapaċità strutturali żejda globali. Din l-isfida globali taffettwa **b'mod negattiv is-suq** tal-Unjoni u s-swieq ta' pajjiżi oħra jew direttament, permezz tal-importazzjonijiet minn pajjiżi b'kapaċità żejda, jew indirettament, riżultat tal-effett ta' esklużjoni ("push-out"), jew biż-żewġ modi. Ir-riżoluzzjoni effettiva tal-kapaċità żejda globali teħtieġ sforzi konġunti msaħħa tal-Unjoni u **ta' pajjiżi sħab** tal-istess fehma li ma jikkontribwixxux għall-kapaċità żejda globali. L-Unjoni **għalhekk se żżid l-isforzi tagħha biex** tmexxi l-ħidma internazzjonali ■ inkluż fil-qafas tal-Forum Globali dwar il-Kapaċità Żejda tal-Azzar (**GFSEC**), dwar l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-kapaċità żejda u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet li jsaħħu t-trasparenza tas-suq globali tal-azzar u jqisu tekniki moderni ta' produzzjoni u provvista, inkluż permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipju "tat-tidwib u tat-tferrigħ" kif ukoll permezz tal-monitoraġġ tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet. L-Unjoni **tibqa' impenjata li iżomm is-swieq ġusti u miftuħa, u li tkompli ssaħħaħ ir-relazzjoni tagħha mas-sħab ta' kummerċ ħieles eżistenti u futuri. F'dak l-ispirtu**, u bil-ħsieb li jiddelimitaw l-ekonomiji tagħhom mill-kapaċità żejda globali u jżidu l-aċċess għas-suq bejniethom, l-Unjoni u pajjiżi tal-istess fehma jenħtieġ li **b'mod urġenti** jaħdmu flimkien, **jirriflettu l-interessi strateġiċi konġunti u l-benefiċċji reċiproċi, filwaqt li xorta jiżguraw ktajjen tal-provvista siguri, prevedibbli u diversifikati.**

■

- (4) Analiżi fil-fond konkluzja mill-Kummissjoni fl-2019 uriet li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni kienet ***diġà f'dak iż-żmien*** f'sitwazzjoni li kienet ta' theddida ta' dannu serju, u li s-sitwazzjoni x'aktarx li tiżviluppa f'dannu serju reali fil-futur prevedibbli, fin-nuqqas ta' miżuri ta' salvagwardja. ***Il-Kummissjoni kkonkludiet li jkun fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri xierqa biex tevita żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar.***

- (5) Fil-31 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni adottat Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159<sup>2</sup> li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra ċerti importazzjonijiet tal-azzar, u b'hekk tindirizza r-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ u t-theddida ta' dannu serju li x'aktarx kien isegwi għall-prodotti koperti ***minn dak ir-Regolament***. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 se jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2026.

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2019/159/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/159/oj)).

- (6) F'Novembru 2024, il-mexxejja tal-Unjoni adottaw id-Dikjarazzjoni ta' Budapest ***dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea***, li tenfasizza l-ħtieġa u d-determinazzjoni urġenti li l-Unjoni ssir aktar kompetittiva **█**. Barra minn hekk, il-mexxejja tal-Unjoni ddikjaraw l-impenn tagħhom li jiżguraw tiġdid industrijali u dekarbonizzazzjoni, **u** li jippermettu lill-Unjoni tibqa' mutur industrijali u teknoloġiku ***li jrawwem l-impjiegi ta' kwalità***. Il-mexxejja tal-Unjoni rrikonoxxew ukoll il-ħtieġa li jiżdiedu l-prontezza u l-kapaċitajiet tad-difiża, b'mod partikolari billi tissaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża kif xieraq. Għal dak il-għan, il-mexxejja tal-Unjoni impenjaw ruħhom li jiżviluppaw politika industrijali għall-Unjoni biex jiġi żgurat it-tkabbir tat-teknoloġiji ewlenin ta' għada, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-industriji tradizzjonali fi tranżizzjoni.
- (7) Il-kompetittività industrijali ***tas-settur tal-azzar*** hija prijorità ***ewlenija għall-Unjoni, li ser tikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli, il-prosperità fit-tul u r-reżiljenza. Id-dekarbonizzazzjoni tista' tkun aċċeleratur*** qawwi tat-tkabbir ***u r-reżiljenza*** meta tkun integrata mal-politiki industrijali, tal-kompetizzjoni, ekonomiċi u kummerċjali. ***Il-kapaċità żejda globali taffettwa lill-industrija tal-azzar tal-Unjoni fil-kuntest tat-tranżizzjoni tagħha lejn produzzjoni newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju. Għalhekk, il-perkors tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-azzar fl-Unjoni jenħtieġ li jkun wieħed mill-elementi li jistgħu jitqiesu mill-Kummissjoni meta temenda l-volumi tal-kwoti tariffarji miftuħa taħt dan ir-Regolament u jenħtieġ li jiffirma parti mill-elementi li għandhom jitqiesu meta tiġi evalwata l-effettività ta' dan ir-Regolament.***

**█**

- (8) L-industriji li jużaw ħafna enerġija huma setturi ewlenin li jeħtieġu appoġġ urġenti għad-dekarbonizzazzjoni **u** l-eletrifikazzjoni, u li jħabbtu wiċċhom ma' kostijiet għoljin tal-enerġija, il-kompetizzjoni globali inġusta u regolamenti kumplessi, li **kollha kemm huma** jagħmlu ħsara lill-kompetittività **■** . **Huwa essenzjali li dawk l-industriji jkunu jistgħu jibqgħu kompetittivi globalment u jżidu l-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità fl-Unjoni.**
- (9) Kif rikonoxxut **fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 intitolata "Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-azzar u l-Metalli"**, l-azzar **huwa** metall ta' importanza strateġika għall-kapaċità tad-difiża tal-Unjoni. **B'mod partikolari f'kontest ikkaratterizzat b'instabbiltà globali li qed tiżdied u pressjonijiet tas-sigurtà ogħla**, il-ktajjen tal-provvista stabbli u reżiljenti ta' metalli, **inkluż l-azzar**, u **produzzjoni** domestika b'saħħitha u kompetittiva **tagħhom**, huma essenzjali għad-difiża u l-ajruspazju, **biex tinkiseb reżiljenza ekonomika** u biex jiġu evitati dipendenzi mhux mixtieqa fuq fornituri minn pajjiżi terzi.

**■**

- (10) Il-kapaċità żejda globali hija mistennija li tiżdied mis-602 miljun tonnallata fl-2024, ekwivalenti għal 721 miljun tonnallata sal-2027. L-Unjoni diġà adottat diversi miżuri ta' difiża kummerċjali fis-setturi tal-metalli, inkluż fir-rigward tal-ħadid u tal-azzar ■ . Madankollu, dawk il-miżuri tad-difiża tal-kummerċ huma kkompensati minn żidiet kontinwi kbar fil-kapaċità f'reġjuni oħra, kompletament distakkati mill-evoluzzjoni tad-domanda domestika u globali. L-industrija tal-azzar Ewropea qed tiġi affettwata dejjem aktar b'mod negattiv mill-kapaċità żejda globali u minn distorsjonijiet globali, inklużi politiki u Prattiki mhux tas-suq f'ċerti pajjiżi terzi li jappoġġaw b'mod artifiċjali l-industriji domestiċi tagħhom jew jevitaw il-miżuri u sanzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-Unjoni hi l-uniku reġjun ewlieni tal-produzzjoni tal-azzar li bħalissa qed jesperjenza tnaqqis fil-kapaċità tagħha. .
- Għalhekk, kwalunkwe miżura fir-rigward tas-suq tal-azzar jenħtieġ li jkollha b'perspettiva fit-tul, peress li l-kapaċità żejda hija problema strutturali li x'aktarx li ma tiġix solvuta fuq terminu qasir jew medju ta' żmien.***
- (11) Barra minn hekk, l-evoluzzjoni reċenti tal-miżuri restrittivi għall-kummerċ ta' pajjiżi terzi qed tkompli żżid il-perssjoni ***tal-importazzjonijiet fuq is-suq tal-Unjoni***, kemm f'termini ta' volumi kif ukoll ta' prezzijiet ■ . Tali perssjoni hija mistennija li tkompli tiżdied, ***u turriskja li tikkawża tnaqqis ulterjuri fil-produzzjoni tal-Unjoni.***

- (12) B'riżultat ta' dan, l-industrija tal-azzar tal-Unjoni tinsab f'sitwazzjoni mwiegħra b'telf bla preċedent **ta' kapaċità** tal-produzzjoni li ammonta għal aktar minn 30 miljun tonnellata mill-2018, rata tal-użu tal-kapaċità storikament baxxa li laħqet **67 %** fl-2024, madwar **30 000** impjieg mitlufa mill-2018, b'diversi eluf ta' impjiegi mħabbra., u telf finanzjarju kontinwu.
- (13) ***Is-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, bl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) fil-qalba tagħha, tibqa' fundamentali biex jiġu żgurati l-istabbiltà, il-prevedibbiltà u l-ekwità fil-kummerċ globali. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi mfassal u implimentat f'konformità sħiħa mal-obbligi tal-Unjoni skont id-WTO, b'mod partikolari fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' kwoti tariffarji.***
- (14) Minħabba s-sitwazzjoni li qed tmur għall-aġar b'rata mgħaġġla tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni, ***l-importanza strateġika dejjem tikber tagħha*** u l-progress mhux sodisfaċenti li sar s'issa biex tinstab soluzzjoni kollettiva li tindirizza l-kapaċità żejda globali, ***b' mod partikolari fil-qafas tal-GFSEC***, jeħtieġ li tiġi adottata miżura ■ li tissostitwixxi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159. ***Fl-istess ħin, l-Unjoni tibqa' impenjata li twettaq il-ftehim, espress fil-Laqgħa Ministerjali tal-GFSEC tal-10 ta' Ottubru 2025, biex taħdem lejn qafas komprensiv għal azzjoni konġunta bil-ħsieb li tiġi indirizzata l-kawżi ewlenin tal-kapaċità żejda globali.*** ■

■

- (15) *Għallhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas koerenti u komprensiv biex jiġu indirizzati l-effetti negattivi relatati mal-kummerċ tal-kapaċità żejda globali fis-suq tal-azzar tal-Unjoni. Fid-dawl tat-tfixkil serju fis-settur tal-azzar u s-sitwazzjoni tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni li qed tmur għall-aġar b'mod mgħaġġel, jeħtieġ li jiġu koperti l-pajjiżi terzi kollha, inklużi dawk li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehim ta' kummerċ ħieles u dawk li jibbenefikaw minn preferenzi tariffarji awtonomi, bħall-iskema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>. Il-qafas stabbilit skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi, minn naħa waħda, il-ftuħ ta' kwoti tariffarji u l-istabbiliment ta' dazju barra mill-kwota u, min-naħa l-oħra, il-possibbiltà, fejn xieraq, li jiġu applikati miżuri ta' salvagwardja bilaterali fir-rigward ta' prodotti minn pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehim ta' kummerċ ħieles. Meta ma jkunx xieraq li jiġu applikati miżuri ta' salvagwardja bilaterali, il-prodotti minn pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehim ta' kummerċ ħieles jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-kwoti tariffarji u għad-dazju barra mill-kwota previsti f'dan ir-Regolament.*

---

3

*Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/978/oj>).*

(16) Għalkemm skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 it-tariffa barra mill-kwota hija stabbilita għal **25 %**, b'kunsiderazzjoni tal-livell tat-tariffi fis-settur tal-azzar fi swieq ewlenin oħra, huwa xieraq li l-livell ***tad-dazju*** barra mill-kwota ***jiżdied għal 50 %*** biex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ. Dak id-dazju ***jkun b'żieda*** ma' dazji oħra li japplikaw għall-kategoriji ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament.

(17) Fid-dawl tal-integrazzjoni mill-qrib u unika skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>4</sup>, l-importazzjonijiet tal-Unjoni ■ , mill-Iżlanda, u mil-Liechtenstein ***u min-Norveġja*** jenħtieġ li jiġu esklużi mill-applikazzjoni ***tal-kwoti tariffarji u mid-dazju*** barra mill-kwota.

(18) Il-volum totali tal-kwoti tariffarji ġie kkalkulat bl-applikazzjoni tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet fis-suq tal-Unjoni fis-sena 2013 bħala referenza, ***li kien*** madwar ***13 %***, għall-konsum globali fis-suq tal-azzar tal-Unjoni fl-2024, ***li hija*** l-aħħar sena li għaliha hija disponibbli data sħiħa. ■ Il-kalkolu ma jieħux kontl-importazzjonijiet li oriġinaw ***mill-Belarussja u*** mill-Federazzjoni Russa ■ , li bħalissa huma soġġetti għal projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni. ■ . Dan jirriżulta f'volum ta' kwoti tariffarji annwali totali ta' 18 345 922-il tunnellata.

(19) Il-kwoti tariffarji jenħtieġ li jiġu mqassma għal kull kategorija ta' prodotti abbażi tas-sehem tal-importazzjonijiet li kull kategorija ta' prodott kellha matul il-perjodu 2022-2024. Dak il-perjodu ta' referenza għat-tqassim- tas-sehem tal-kwota tariffarja ***huwa xieraq*** peress li jirrifletti b'mod preċiż il-flussi kummerċjali aktar reċenti.

---

<sup>4</sup> ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

- (20) *Jenħtieġ li l-kwoti tariffarji jiġu amministrati fuq bażi trimestrali f'konformita mas-sistema ta' ġestjoni prevista fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447<sup>5</sup>. Dak it-tip ta' amministrazzjoni jiżgura l-effettivita billi tevita volumi kbar b'mod sproporzjonat ta' importazzjonijiet f'perjodu qasir ħafna, filwaqt li ma tfixkilx bla bżonn il-flussi kummerċjali. Matul l-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, daww il-kwoti tariffarji li ma jintużawx fi żmien trimestru jenħtieġ li jiġu riportati għat-trimestru li jkun imiss fl-istess perjodu annwali ta' applikazzjoni tal-kwota tariffarja, sabiex tiġi pprovduta flessibilita akbar għall-operaturi ekonomiçi u jingħata kontribut biex tiġi żgurata l-kontinwita fil-ktajjen tal-provvista u t-twettiq tal-kuntratti ta' provvista eżistenti. Wara l-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jaf ikun meħtieġ li jiġu aggstati r-regoli dwar ir-riport tal-kwoti tariffarji mhux użati, filwaqt li jitqiesu r-reazzjonijiet tas-suq għall-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi indirzzat it-tfixkil possibbli fis-suq. Pereżempju, l-esperjenza bl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji fis-settur tal-azzar miksuba bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 uriet li r-riport tal-kwoti tariffarji mhux użati jista', f'çerti çirkostanzi, jikkontribwixxi għal żieda fil-pressjoni tal-importazzjoni f'çerti trimestri jew kategoriji ta' prodotti, speçjalment meta d-domanda tas-suq tiddghajjed jew il-konsum jonqos filwaqt li l-importazzjonijiet jibqgħu għoljin. Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' riport jista', f'çerti çirkostanzi oħra, jikkontribwixxi għal diffikultajiet fl-iżgurar tal-kontinwita fil-ktajjen tal-provvista u fit-twettiq tal-kuntratti ta' provvista eżistenti.*

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' çerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiçi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2015/2447/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj)).

(21) *Għalhekk, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tad-determinazzjoni ta' jekk ir-riport tal-kwoti tariffarji mhux użati għandux ikun permess, filwaqt li tqis, minn naħa waħda, il-livell ogħla ta' pressjoni fuq l-importazzjoni u, min-naħa l-oħra, il-livell tal-użu medju tal-kwoti tariffarji u d-disponibbiltà insuffiċjenti tal-provvista għall-utenti tal-azzar downstream. B'mod partikolari, meta l-użu medju tal-kwoti tariffarji għal kategorija ta' prodotti partikolari jkun ogħla minn 80 % matul l-ewwel tliet trimestri tal-perjodu annwali ta' applikazzjoni tal-kwoti tariffarji, jenħtieġ li r-riport ikun permess, peress li r-riskju ta' volum għoli ħafna ta' importazzjonijiet mingħajr dazju f'ċertu trimestru jitnaqqas b'mod sinifikanti.*

█

(22) Sabiex jiġi żgurat li dan ir-Regolament ikun effettiv fl-indirizzar tal-effetti tal-kapaċità żejda globali, u fid-dawl tal-ispeċifitàjiet tal-prodotti tal-azzar u tat-tekniki moderni tal-produzzjoni u tal-provvista, huwa importanti li jiġi identifikat il-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ", **jiġifieri l-post** oriġinali li fih l-azzar **jew il-ħadid** mhux maħdum ■ huma inizjalment prodotti f'forma likwida f'forn li jagħmel l-azzar jew il-ħadid u sussegwentement fondut fl-ewwel stat solidu tiegħu. **Dak** l-ewwel stat solidu jista' jinkludi jew prodott nofsu lest, inklużi ċangaturi, billetti, jew ingotti, jew prodott lest ta' fabrika tal-azzar. **L-importaturi jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu** evidenza **dwar il-pajjiż** "tat-tidwib u tat-tferrigħ", **bħal permezz ta' ċertifikat tat-test tal-fabbrika. Tali rekwiżit jżid it-trasparenza fil-katina tal-provvista għall-importazzjonijiet tal-azzar u jippermetti lill-Kummissjoni tikseb informazzjoni affidabbli dwar l-oriġini tal-importazzjonijiet tal-azzar fl-Unjoni.**

■

(23) Jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni wkoll biex tistabbilixxi **t-tip ta' evidenza li trid tiġi pprovduta mill-importaturi biex jagħtu prova tal-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ". Qabel ma teżerċita s-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha fir-rigward tal-evidenza dwar il-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ", huwa importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-produtturi tal-azzar, mal-utenti u mal-Istati Membri, biex tiżgura li t-tip ta' evidenza meħtieġa tkun biżżejjed biex tagħti prova tal-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ", kif ukoll li tivvaluta bir-reqqa s-sitwazzjoni speċifika tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u tevita piżijiet amministrattivi sproporzjonati.**

(24) *Jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni wkoll biex tistabbilixxi id-distribuzzjoni ta' kwoti tariffarji miftuħa skont dan ir-Regolament. Meta tistabbilixxi dik id--distribuzzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis is-sehem mis-suq tal-importazzjoni li kien prevalenti fis-suq tal-azzar tal-Unjoni qabel l-impatt tal-kapaçità żejda globali. Is-sena 2013 hija l-aħjar bażi għal dak il-kalkolu, peress li ma ġietx affettwata mill-prevalenza tal-kapaçità żejda globali, li laħqet il-quçcata tagħha fl-2015, iżda li l-effetti tagħha kienu diġà viżibbli, f'termini ta' żieda fil-penetrazzjoni tal-importazzjoni, fl-2014. Fl-istess ħin, huwa importanti li -kwoti tariffarji preçedenti, b'mod partikolari daww stabbiliti skont ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1331<sup>6</sup> u (UE) 2023/2840<sup>7</sup> dwar il-flussi kummerçjali tal-prodotti tal-azzar li joriġinaw mir-Renju Unit u li jiddaħħlu fl-Irlanda ta' Fuq permezz ta' trasport dirett minn partijiet oħra tar-Renju Unit, jitqiesu għad-distribuzzjoni tal-kwoti tariffarji. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-ftehimiet ta' kummerç ħieles attwali u futuri, b'mod partikolari daww li jinsabu fi stadju avanzat tan-negożjati. Jenħtieġ li jitqiesu wkoll elementi oħra, kif applikabbli, bħall-effetti ta' distorsjoni tal-kummerç ta' miżuri ta' pajjiżi terzi li jkollhom impatt fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni, il-fatt li pajjiż terz jinstab li qed jikser il-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) jew ftehimiet ambjentali multilaterali, il-konklużjoni mill-Unjoni ta' ftehimiet internazzjonali skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerç (GATT) tal-1994, il-konklużjoni ta' kwalunkwe ftehim internazzjonali jew fehim mhux vinkolanti li jindirizza l-livelli ta' kapaçità żejda globali għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament u l-ħtieġa li tiġi żgurata d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-provvista. Bl-istess mod, jenħtieġ li jitqiesu l-interessi tal-pajjiżi kandidati tal-Unjoni li jiffaçejaw sitwazzjoni ta' sigurtà eççeżżjonali u immedjata, b'mod partikolari meta qabel kienu jibbenefikaw minn aççess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni għall-kategoriji ta' prodotti soġġetti għal dan ir-Regolament, bħall-Ukrajna,*

---

<sup>6</sup> *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1331 tat-29 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżura ta' salvagwardja definittiva kontra l-importazzjonijiet ta' çerti prodotti tal-azzar (ĠU L 166, 30.6.2023, p. 98, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2023/1331/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1331/oj)).*

<sup>7</sup> *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2840 tal-14 ta' Diçembri 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżura ta' salvagwardja definittiva kontra l-importazzjonijiet ta' çerti prodotti tal-azzar (ĠU L, 2023/2840, 15.12.2023, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2023/2840/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2840/oj)).*

*mingħajr ma tiġi mminata l-effettività ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-kwoti tariffarji, jekk ikun hemm, miftuħin bħala parti mill-miżuri ta' salvagwardja bilaterali, sabiex tiżgura li l-ammont globali tal-kwoti tariffarji miftuħa mill-Unjoni ma jaqbiżx l-ammont previst fl-Anness rilevanti. Barra minn hekk, bil-ħsieb li jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, meta l-miżuri restrittivi jipprojbixxu l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' kategorija waħda jew aktar ta' prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tidistribwix kwoti tariffarji lil dawk il-pajjiżi terzi għal dawk il-kategoriji ta' prodotti. Fl-aħħar nett, mill-1 ta' Ottubru 2027, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-informazzjoni miġbura mill-importaturi dwar il-pajjiż "tat-tidwib u tferrigħ".*

- (25) *Jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni wkoll biex tapplika, fejn meħtieġ, miżuri ta' salvagwardja **bilaterali** fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw f'dawk il-pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehim ta' kummerç ħieles. Dawk il-miżuri ta' salvagwardja **bilaterali** jenħtieġ li jikkonformaw **mal-ftehim** ta' kummerç ħieles applikabbli. **Fid-determinazzjoni ta' liema miżuri ta' salvagwardja bilaterali tapplika, huwa importanti li l-Kummissjoni tqis il-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas koerenti u komprensiv taħt dan ir-Regolament u li jiġu indirizzati l-effetti negattivi relatati mal-kummerç tal-kapaçità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tkun tista' tapplika miżuri ta' salvagwardja bilaterali malajr, jeħtieġ li l-kundizzjonijiet u l-proçeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup> ma japplikawx għal miżuri ta' salvagwardja bilaterali applikati skont dan ir-Regolament.***
- (26) *Jenħtieġ li s-setgħat ta' implementazzjoni mogħtija skont dan ir-Regolament ikunu eżerçitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>9</sup>. Jenħtieġ li l-proçedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni rilevanti.*
- (27) *Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta immedjatament atti ta' implimentazzjoni applikabbli meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati mal-ħtieġa li tiġi żgurata distribuzzjoni f'waqtha tal-kwoti tariffarji għall-pajjiż jew l-applikazzjoni f'waqtha ta' miżuri ta' salvagwardja bilaterali, dan ikun meħtieġ għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza.*

---

<sup>8</sup> *Ir-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Frar 2019 li jimplementa klawżoli ta' salvagwardja bilaterali u mekkaniżmi oħra li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi f'çerti ftehimiet kummerçjali konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi (ĠU L 53, 22.2.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/287/oj>).*

<sup>9</sup> *Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinçipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerçizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).*

(28) Sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' kwoti miftuħa fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni jiġi adattat għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu fis-swieq tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward tal-emendar *tal-volumi ta' kwoti tariffarji stabbiliti f'dan ir-Regolament. Fl-istess ħin, kwalunkwe emenda għal dawk il-volumi jenħtieġ li tibqa' konsistenti mal-oġettivi ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi stabbilit valur kombinat minimu u massimu tal-volumi tal-kwoti tariffarji stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li jitqies li, skont l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi Steel Outlook 2025, il-konsum tal-azzar fl-Unjoni huwa mbassar li jibqa' stabbli sal-2030. Jenħtieġ li l-valur massimu kkombinat jiġi kkalkulat billi jiġi applikat sehem mis-suq ta' 13 % għal-livell ta' konsum irreġistrat fl-2018, li kien l-ogħla livell annwali matul il-perjodu 2013-2024. Il-valur minimu kkombinat jenħtieġ li jiġi ddeterminat filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi previst livell ekwivalenti ta' flessibilità f'każ ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku tas-suq. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda l-volumi tal-kwoti tariffarji stabbiliti f'dan ir-Regolament biss sa fejn il-valur totali tagħhom jibqa' bejn 14 400 000 tunnellata u 22 200 000 tunnellata. Fl-eżerċizzju tas-setgħat delegati tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis, kif applikabbli, l-evoluzzjoni tad-domanda, il-bidliet fl-ishma mis-suq tal-importazzjoni, l-iżviluppi sinifikanti fil-kapaċità żejda globali, il-livell ta' progress li sar fil-perkors tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-azzar fl-Unjoni b'kont meħud tal-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni, l-evoluzzjoni u l-firxa tal-miżuri ta' pajjiżi terzi li jkollhom impatt fuq l-importazzjonijiet tal-azzar, kwistjonijiet potenzjali ta' disponibbiltà tal-provvista f'ċerti kategoriji ta' prodotti marbuta ma' kapaċità insuffiċjenti u ma' żidiet sinifikanti relatati fil-prezzijiet, l-oġettivi tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-Unjoni, u effetti ta' esklużjoni bla bżonn f'ċerti kwoti tariffarji. Jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE biex temenda l-lista ta' prodotti fl-Anness tar-Regolament (UE) 2020/2170 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>10</sup>. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-*

---

<sup>10</sup> *Ir-Regolament (UE) 2020/2170 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar -applikazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni (ĠU L 432, 21.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2170/oj>).*

livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>11</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

---

<sup>11</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_interinst/2016/512/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2016/512/oj).

(29) *Meta l-Kummissjoni tiddistribwixxi kwoti tariffarji, tapplika miżuri ta' salvagwardja bilaterali jew temenda l-volumi tal-kwoti tariffarji, jenħtieġ li tqis l-interess tal-Unjoni. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-informazzjoni kollha disponibbli u jenħtieġ li tikkonsisti f'apprezzament tad-diversi interessi involuti, meħuda flimkien. Dawk l-interessi jinkludu l-interessi tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni, inklużi l-industriji upstream u downstream, u l-interessi tal-konsumaturi finali tal-Unjoni.*

█

(30) *Billi dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti ġodda għall-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi punt ta' kuntatt online għall-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni biex jitolbu informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-iskema ta' amministrazzjoni tat-tariffi, id-distribuzzjoni tal-kwoti tariffarji u l-applikazzjoni tal-prinċipju "tat-tidwib u tat-tferrigħ".*

- (31) *Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet perjodiċi tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, sal-31 ta' Diċembru 2026, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa li jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott biex ikopri ċerti prodotti. Sat-30 ta' Ġunju 2027, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa li jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi ddeterminat jekk jenħtieġx li dan ikopri wkoll prodotti li huma magħmula minn, jew li fihom, ammont sinifikanti ta' azzar, inkluż bħala kwistjoni ta' prijorità prodotti tal-ħadid u tal-azzar downstream mhux koperti minn dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni ulterjuri tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott sat-30 ta' Ġunju 2029 u kull sentejn wara dan, sakemm tfixkil sinifikanti fis-suq jew bidliet f'daqqa fix-xejriet kummerċjali globali ma jkunux jeħtieġu valutazzjoni aktar bikrija. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet f'waqthom mal-partijiet ikkonċernati qabel kull valutazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott. B'mod partikolari, fid-dawl tal-perjodu ta' żmien qasir għal-valutazzjoni inizjali, jenħtieġ li tinbeda konsultazzjoni sal-1 ta' Lulju 2026. Meta l-valutazzjonijiet juru l-ħtieġa li jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda dan ir-Regolament.*
- (32) *Sat-30 ta' Ġunju 2028, jenħtieġ li l-Kummissjoni, abbażi tal-informazzjoni miġbura skont dan ir-Regolament, tivvaluta jekk huwiex meħtieġ li l-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ" jiġi nominat bħala l-bażi biex jibbenefika mill-kwoti tariffarji previsti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari biex jiġi evitat li l-azzar prodott f'ċerti pajjiżi terzi jikkontribwixxi għall-kapaċità żejda globali milli jidħol bla bżonn fis-suq tal-Unjoni wara trasformazzjoni ulterjuri f'pajjiżi terzi oħra. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis li tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

- (33) *Sat-30 ta' Ġunju 2028 u kull sentejn wara dan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Jenħtieġ li dak ir-rapport isir pubbliku u jista' b'mod partikolari jkun fih informazzjoni dwar l-użu u l-evoluzzjoni tal-kwoti tariffarji u l-kategorija u l-ammont ta' importazzjonijiet li jaqgħu barra mill-kwoti tariffarji.*
- (34) *Sat-30 ta' Ġunju 2029 u kull tliet snin minn hemm 'il quddiem, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-effettività ta' dan ir-Regolament, b'kont meħud tal-evoluzzjoni tal-parametri ewlenin li ġġustifikaw l-adozzjoni tiegħu,, inklużi l-evoluzzjoni u x-xejriet tal-kapaċità żejda globali u l-effetti tagħha relatati mal-kummerċ fuq is-suq tal-azzar **tal-Unjoni, u l-interess tal-Unjoni, u** tivvaluta l-evoluzzjoni **tas-sitwazzjoni** tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni, **inklużi l-livelli tal-prezzijiet u l-użu tal-kapaċità, l-impatt fuq l-industrija upstream u downstream** kif ukoll **fuq il-konsumaturi finali fl-Unjoni, u l-perkors tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-azzar fl-Unjoni filwaqt li jqis l-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni Barra minn hekk, huwa importanti li l-Kummissjoni** tikkunsidra s-sitwazzjoni tal-miżuri restrittivi kummerċjali ta' pajjiżi terzi fuq l-azzar u l-impikazzjonijiet u l-effetti li **jista' ikollhom**, jew li x'aktarx ikollhom, f'termini ta' riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ fis-suq tal-Unjoni, **kif ukoll** li tanalizza s-sitwazzjoni li tikkonċerna l-eżistenza ta' politiki u prattiki mhux tas-suq f'pajjiżi terzi u l-impatt tagħhom fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni.*

- (35) ***Jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2020/2170 sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni kontinwa tal-arranġamenti eżistenti għall-prodotti tal-azzar li joriġinaw mir-Renju Unit u rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Irlanda ta' Fuq li huma elenkati fl-Anness ta' dak ir-Regolament.***
- (36) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq biex jintlaħaq l-objettiv bażiku tal-indirizzar tal-effetti negattivi relatati mal-kummerċ tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni li tiftaħ l- kwoti tariffarji u tistabilixxi dazju barra mill-kwota, u li tiġi prevista l-possibbiltà li jiġu applikati miżuri ta' salvagwardja bilaterali fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar fl-Unjoni. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-objettiv maħsub, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE).
- (37) ***Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament japplikaw mill-1 ta' Lulju 2026, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

- 1. L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jindirizza l-effetti negattivi relatati mal-kummerè tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni billi jistabbilixxi qafas koerenti u komprensiv ibbażat, minn naħa waħda, fuq il-ftuħ tal-kwoti tariffarji u l-istabbiliment ta' dazju barra mill-kwota fir-rigward tal-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament importati fl-Unjoni u, min-naħa l-oħra, fuq il-possibbiltà, fejn xieraq, li jiġu applikati miżuri ta' salvagwardja bilaterali fir-rigward ta' dawk il-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehim ta' kummerè ħieles.*
- 2. Miżuri adottati skont dan ir-Regolament ma għandhomx jirristringu l-kummerè lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ biex jindirizzaw l-effetti negattivi tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni.*

## Artikolu 2

1. ***B'dan*** il-kwoti tariffarji tal-Unjoni jinfetħu, fuq bażi annwali, fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' kull waħda mill-kategoriji ta' prodotti **■** elenkati fl-Anness I **■**.
2. Għal kull kategorija ta' prodotti elenkati fl-Anness I, jinfetaħ volum speċifiku ta' kwoti tariffarji kif previst fl-Anness II fuq bażi annwali ***mill-1 ta' Lulju ta' kull sena sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara ("perjodu annwali ta' applikazzjoni")***. ***Il-volum annwali totali tal-kwoti tariffarji huwa stabbilit fl-Anness II.***
3. Meta wota tariffarja tiġi eżawrita, jew meta l-importazzjonijiet tal-kategoriji ta' prodotti ma jibbenefikawx mill-kwota tariffarja, l-importazzjonijiet tal-kategoriji ta' prodotti elenkati fl-Anness I għandhom ikunu soġġetti għal dazju barra mill-kwota bir-rata ta' 50 % *ad valorem* kif stabbilit fl-Anness II.
4. ***Dan l-Artikolu għandu japplika għall-importazzjonijiet kollha tal-kategoriji ta' prodotti elenkati fl-Anness I, inklużi l-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw f'pajjiż li miegħu l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim li jipprevedi preferenzi tariffarji jew f'pajjiż li jibbenefika minn preferenzi tariffarji awtonomi.***
5. ***Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal prodotti li joriġinaw fi:***
  - (a) *l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja;*
  - (b) *pajjiżi li għalihom japplikaw miżuri ta' salvagwardja bilaterali skont l-Artikolu 6.*

**■**

### Artikolu 3

1. Il-kwoti tariffarji stabbiliti fl-Artikolu 2 għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għall-kwoti tariffarji pprovduti fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.
2. Il-kwoti tariffarji għandhom jiġu amministrati kull trimestru.
3. L-allokkazzjoni ta' kull kwota trimestrali għandha titwaqqaf fl-20 jum ta' xogħol tal-Kummissjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' tliet xhur.
4. ***Mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2027***, il-volumi tal-kwoti tariffarji mhux użati fi trimestru wieħed ***għandhom*** jiġu riportati għat-trimestru ta' wara ***fi ħdan l-istess perjodu annwali ta' applikazzjoni***.

5. *Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw jekk, għal kull kategorija ta' prodotti elenkata fl-Anness I, il-volumi mhux użati tal-kwoti tariffarji fi trimestru wiehied għandhomx jiġu riportati għat-trimestru li jmiss fl-istess perjodu annwali ta' applikazzjoni, filwaqt li jitqiesu, kif applikabbli:*
- (a) iż-żieda fil-livell tal-pressjoni tal-importazzjonijiet, b'mod partikolari minħabba l-konċentrazzjoni ta' volum għoli ħafna ta' importazzjonijiet mingħajr dazju f'ċertu trimestru;*
  - (b) l-użu medju tal-kwoti tariffarji matul l-ewwel tliet trimestri tal-perjodu annwali ta' applikazzjoni, b'mod partikolari meta dak l-użu medju jkun ogħla minn 80 %;*
  - (c) disponibbiltà insuffiċjenti ta' provvista għall-utenti tal-azzar downstream minħabba żviluppi fis-suq.*

*Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2). L-ewwel fost dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2027.*

## Artikolu 4

1. Fil-mument tal-importazzjoni, l-importaturi *ta' kategoriji ta' prodotti elenkati fl-Anness I* għandhom jipprovdu evidenza xierqa *verifikabbli*, bħal ċertifikat *tat-test* tal-fabbrika, *biex jagħtu* prova tal-pajjiż *li fih l-azzar jew il-ħadid mhux maħduma kien inizjalment prodott f'forma likwida f'forn li jipproduċi l-azzar jew il-ħadid u sussegwentement fondut fl-ewwel stat solidu tiegħu ("pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ")*.
2. *Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddetermina t-tip ta' evidenza li għandha tiġi pprovduta mill-importaturi skont il-paragrafu 1 filwaqt li tqis is-sitwazzjoni speċifika tal-SMEs u tevita piżijiet amministrattivi sproporzjonati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2). L-ewwel fost l-atti ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat sal-31 ta' Awwissu 2026.*

## Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu d-distribuzzjoni tal-pajjiżi tal-kwoti tariffarji elenkati fl-Anness II *filwaqt li tqis l-interess tal-Unjoni u*, kif applikabbli, l-elementi li ġejjin:
  - (a) il-livelli tal-kwoti tariffarji ekwivalenti għas-sehem mis-suq tal-importazzjoni li kien prevalenti fis-suq tal-azzar tal-Unjoni fl-2013;
  - (b) il-kwoti tariffarji għal kull kategorija ta' prodotti bbażati fuq is-sehem tal-importazzjonijiet li kellha kull kategorija ta' prodotti matul il-perjodu 2022-2024, ikkalkulati bħala sehem mil-livelli tal-kwoti tariffarji msemmija fil-punt (a);
  - (c) ftehimiet eżistenti u futuri ta' kummerç ħieles li jkopru fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom kwalunkwe wieħed mill-kategoriji ta' prodotti elenkati fl-Anness I;
  - (d) *effetti ta' distorsjoni tal-kummerç ta' pajjiżi terzi li għandhom impatt fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni;*
  - (e) *jekk pajjiżi terzi jinstabx li qed jikser il-konvenzjonijiet tal-ILO jew il-ftehimiet ambjentali multilaterali;*

- (f) kwalunkwe ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 dwar il-kwoti tariffarji miftuħa fir-rigward tal-kategoriji ta' prodotti elenkati fl-Anness I;
- (g) kwalunkwe ftehim internazzjonali jew fehim internazzjonali mhux vinkolanti li jindirizza l-livelli ta' kapaċitajiet żejda globali għall-kategoriji ta' prodotti elenkati fl-Anness I;
- (h) diversifikazzjoni ta' sorsi tal-provvista;
- (i) is-sitwazzjoni ta' pajjiż kandidat tal-Unjoni li qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' sigurtà eċċezzjonali u immedjata, ***b'mod partikolari meta qabel ikun ibbenefika minn aċċess preferenzjali għas-suq tal-azzar tal-Unjoni għall-kategoriji ta' prodotti elenkati fl-Anness I;***
- (j) ***informazzjoni miġbura fl-applikazzjoni tal-Artikolu 4.***



2. ***Meta l-Kummissjoni tkun applikat miżuri ta' salvagwardja bilaterali skont l-Artikolu 6 li jinvolvu kwoti tariffarji, l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jiddistribwixxu ammont ta' kwoti tariffarji li jikkorrispondi għall-kwoti tariffarji miftuħa bħala parti minn dawk il-miżuri ta' salvagwardja bilaterali.***

3. *Meta l-miżuri restrittivi adottati skont l-Artikolu 29 tat-TUE u l-Artikolu 215 tat-TFUE jipprojbixxu l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' kategorija waħda jew aktar ta' prodotti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, l-atti ta' implimentazzjoni msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jiddistribwixxu kwoti tariffarji lil dawk il-pajjiżi terzi għal dawk il-kategoriji ta' prodotti.*
4. *L-atti ta' implimentazzjoni msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami konsultattiva msemija fl-Artikolu 7(2). L-ewwel wieħed minn dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2026.*
5. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati relatati mal-ħtieġa li jiġi żgurat li kwoti tariffarji elenkati fl-Anness II jiġu distribwiti sal-1 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli f'konformità mal-proċedura msemija fl-Artikolu 7(3).

## Artikolu 6

■ ***B'deroga mir-Regolament (UE) 2019/287***, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li ***japplikaw*** miżuri ta' salvagwardja bilaterali fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li joriġinaw f'dawk il-pajjiżi li magħhom l-Unjoni ■ tkun ikkonkludiet ftehim ta' kummerċ ħieles. Dawk il-miżuri ta' salvagwardja bilaterali għandhom jikkonformaw ***mal-ftehim*** ta' kummerċ ħieles applikabbli u għandhom ***iqisu l-interessi tal-Unjoni***.

■ Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2).

■ Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati relatati mal-ħtieġa li jiġi żgurat li l-miżuri ta' salvagwardja bilaterali jkunu jistgħu japplikaw mill-1 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(3).

## Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ stabbilit permezz tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup>. Il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.  
**■**
3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

---

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li jstabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspicċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 272, 16.10.2015, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1843/oj>).

## Artikolu 8

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9 biex temenda l-volumi ta' kwoti tariffarji elenkati fl-Anness II, ***filwaqt li tiżgura li l-valur totali tagħhom ma jkun la anqas minn 14 400 000 tunnellata u lanqas ogħla minn 22 200 000 tunnellata.***

***Il-Kummissjoni għandha tqis l-interess tal-Unjoni u, kif applikabbli, l-elementi li ġejjin:***

- (a) l-evoluzzjoni tad-domanda
- (b) il-bidliet fl-ishma tas-suq tal-importazzjoni;
- (c) l-iżviluppi sinifikanti fil-kapaċità żejda globali;
- (d) il-perkors tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-azzar fl-Unjoni;***
- (e) l-evoluzzjoni u l-firxa tal-miżuri ta' pajjiżi terzi li għandhom impatt fuq l-importazzjonijiet tal-azzar;
- (f) il-kwistjonijiet potenzjali ta' disponibbiltà tal-provvista f' ċerti kategoriji ta' prodotti ***marbuta ma' kapaċità insuffiċjenti faċilment disponibbli fl-Unjoni f'ċerti kategoriji ta' prodotti meta mqabbla mad-domanda, u ma' żidiet sinifikanti relatati fil-prezzijiet, li jħallu impatt negattiv fuq l-industriji downstream tal-Unjoni;***
- (g) l-oġettivi tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-Unjoni;***
- (h) l-effetti ta' esklużjoni bla bżonn f'ċerti kwoti tariffarji;

■

2. Meta, fil-każ ta' bidliet f'daqqa fis-swieq tal-kategoriji tal-prodotti elenkati fl-Anness I, ■ ikun meħtieġ li dan ir-Regolament jiġi emendat ■ malajr u jekk raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 10 għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

## Artikolu 9

1. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 8 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' *5 snin minn ... [id-data tad-dħul* fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***
3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 8 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali *tat-13 ta' April 2016* dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet **II**.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

## Artikolu 10

1. Atti delegati adottati *taħt* dan l-Artikolu, għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.
2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(6). *F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.*

█

## *Artikolu 11*

*Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli punt ta' kuntatt online. L-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni jistgħu jużaw dak il-punt ta' kuntatt biex jitolbu informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

## *Artikolu 12*

1. *Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa li jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott **biex jinkludi prodotti koperti mill-kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda (NM) stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87***<sup>13</sup>:

*(a) 73 030010, 73 030090;*

*(b) 72 29 2000, 72 29 9020, 72 29 9050, 72 29 9090;*

*(c) 72 23 0011, 72 23 0019, 72 23 0091, 72 23 0099;*

*(d) 7214 1000, 7228 1050, 7228 4010, 7228 4090.*

*Meta tinġabar biżżejjed evidenza fil-valutazzjoni tagħha li turi dik il-ħtieġa, il-Kummissjoni tista' mingħajr dewmien żejjed tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. **Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha, sal-1 ta' Lulju 2026, tibda proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-operaturi ekonomiċi u l-Istati Membri.***

---

<sup>13</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana. (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj>).

2. *Sat-30 ta' Ġunju 2027, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa li jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott, filwaqt li tqis b'mod partikolari jekk għandhiex tkopri wkoll prodotti li huma magħmula minn, jew li fihom, ammont sinifikanti ta' azzar, inkluż bħala kwistjoni ta' prijorità prodotti tal-ħadid u tal-azzar downstream ta' mhux koperti mill-Anness I. Meta tinġabar biżżejjed evidenza fil-valutazzjoni tagħha li turi dik il-ħtieġa, il-Kummissjoni tista', mingħajr dewmien żejjed, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*
3. *Sat-30 ta' Ġunju 2029 u kull sentejn wara dan, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa li jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott, filwaqt li tqis is-sitwazzjoni usa' tal-kompetittività tal-Unjoni u tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni, kemm l-atturi upstream kif ukoll dawk downstream, b'mod partikolari s-sitwazzjoni għall-SMEs, kif ukoll il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-Unjoni. Meta jkun hemm tfixkil sinifikanti fis-suq jew bidliet f'daqqa fix-xejriet kummerċjali globali, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni aktar bikrija.*
4. *Għall-fini tal-valutazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, il-Kummissjoni għandha tibda proċess ta' konsultazzjoni f'waqtu mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-operaturi ekonomiċi u l-Istati Membri.*

5. ***Sat-30 ta' Ġunju 2028, il-Kummissjoni, abbażi tal-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 4, għandha tivvaluta jekk huwiex meħtieġ li l-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ" jiġi nominat bħala l-bażi biex jibbenefika mill-kwoti tariffarji previsti f'dan ir-Regolament. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***
6. ***Sat-30 ta' Ġunju 2029, u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-effettività ta' dan ir-Regolament, wara li tkun wettqet konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati tul il-katina tal-valur tal-azzar.***

Tali evalwazzjoni għandha tqis:

- (a) il-persistenza taċ-ċirkostanzi li ġġustifikaw l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament;
- (b) ***l-interess tal-Unjoni***; u
- (c) is-sitwazzjoni tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni, ***inklużi***
  - (i) ***il-livelli tal-prezzijiet u l-użu tal-kapaċità***;
  - (ii) ***l-impatt fuq l-industriji upstream u downstream, kif ukoll fuq il-konsumaturi finali fl-Unjoni***; u
  - (iii) ***il-perkors tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-azzar fl-Unjoni.***

Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda **█** dan ir-Regolament.

7. ***Sat-30 ta' Ġunju 2028 u kull sentejn wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jsir pubbliku.***

### *Artikolu 13*

*Ir-Regolament (UE) 2020/2170 huwa emendat kif ġej:*

*(1) fl-Artikolu 1, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"Il-merkanzija elenkata fl-Anness li toriġina mir-Renju Unit u li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\* u li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq permezz ta' trasport dirett minn partijiet oħra tar-Renju Unit għandha tkun eliġibbli wkoll għal trattament skont il-kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni jekk dik il-merkanzija tiġi rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fit-territorju tal-Irlanda ta' Fuq.*

---

*\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... li jindirizza l-effetti negattivi relatati mal-kummerċ tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2170 (ĠU ..., ELI: ).";*

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament .../26 fid-dokument: (2025/0726(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni tar-Regolament, inkluż in-numru ELI.

(2) *L-Artikolu 1a huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"Artikolu 1a*

*Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 1b, li jemendaw dan ir-Regolament sabiex mal-lista stabbilita fl-Anness jiżdiedu ċerti kategoriji ta' merkanzija li toriġina mir-Renju Unit u li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>, li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq permezz ta' trasport dirett minn partijiet oħra tar-Renju Unit dment li r-Renju Unit ikun wera b'mod sodisfaċenti lill-Unjoni l-ħtieġa li dik il-merkanzija tiġi rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Irlanda ta' Fuq."*

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument: PE-CONS .../26 (2025/0726(COD)).

## Artikolu 14

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ **fil-jum** wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2026.**

**Madankollu:**

- (a) l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (i), l-Artikolu 5(2) sa (5), u l-Artikoli 6 u 7 għandhom japplikaw minn ... [fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament];**
- (b) l-Artikolu 4(1) għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2026;**
- (c) l-Artikolu 5(1), il-punt (j), għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2027.**

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew,*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*

## ANNEX I

Kategoriji ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM
1A	Folji u Strixxi Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Illaminati bis-Shana	7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, <b>7208 52 10</b> , 7208 52 99, <b>7208 53 10</b> , 7208 53 90, 7208 54 00, <b>7211 13 00</b> , 7211 14 00, 7211 19 00, 7225 19 10, 7225 30 10, 7225 30 30, 7225 30 90, 7225 40 15, 7225 40 90, 7226 19 10, 7226 91 20, 7226 91 91, 7226 91 99
1B	Folji u Strixxi Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Illaminati bis-Shana	7212 60 00
2	Folji Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Laminati bil-Kesħa	7209 15 00, 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, 7209 25 00, 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7209 90 20, 7209 90 80, 7211 23 20, 7211 23 30, 7211 23 80, 7211 29 00, 7211 90 20, 7211 90 80, 7225 50 20, 7225 50 80, 7226 20 00, 7226 92 00
3.A	Folji Elettriċi (għajr GOES)	7209 16 10, 7209 17 10, 7209 18 10, 7209 26 10, 7209 27 10, 7209 28 10
3.B		7225 19 90, 7226 19 80
4A	Folji Miksija Metallīċi	<b>7212 50 20</b>  <b>Kodiċijiet TARIC: 7210 41 00 20, 7210 41 00</b>

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM
		<p><i>30, 7210 4900 20, 7210 49 00 30, 7210 61 00 20, 7210 61 00 30, 7210 69 00 20, 7210 69 0030, 7212 30 00 20, 7212 30 00 30, 7212 50 61 20, 7212 50 61 30, 7212 50 69 20, 7212 50 69 30, 7225 92 00 20, 7225 92 00 30, 7225 99 00 11, 7225 99 00 22, 7225 99 00 23, 7225 99 00 41, 7225 99 00 45, 7225 99 00 91, 7225 99 00 92, 7225 99 00 93, 7226 99 30 10, 7226 99 30 30, 7226 99 70 11, 7226 99 70 13, 7226 99 70 91, 7226 99 70 93, 7226 99 70 94</i></p>
4B	Folji Miksija Metalliċi	<p>7210 20 00, 7210 30 00, 7210 90 80, 7212 20 00, 7212 50 30, 7212 50 40, 7212 50 90, 7225 91 00, 7226 99 10</p> <p>kodiċijiet TARIC: 7210 41 00 80, 7210 49 00 80, 7210 61 00 80, 7210 69 00 80, 7212 30 00 80, 7212 50 61 80, 7212 50 69 80, 7225 92 00 80, 7225 99 00 25, 7225 99 00 95, 7226 99 30 90, 7226 99 70 19, 7226 99 70 96</p>
5	Folji Miksija Organiċi	7210 70 80, 7212 40 80,
6	Prodotti Stanjati	7209 18 99, 7210 11 00, 7210 12 20, 7210 12 80, 7210 50 00, 7210 70 10, 7210 90 40, 7212 10 10, 7212 10 90, 7212 40 20
7	Pjanċi Kwarto Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7208 51 20, 7208 51 91, 7208 51 98, 7208 52 91, 7208 90 20, 7208 90 80,

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM
		7210 90 30, 7225 40 12, 7225 40 40, 7225 40 60
8	Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bis-Sħana	7219 11 00, 7219 12 10, 7219 12 90, 7219 13 10, 7219 13 90, 7219 14 10, 7219 14 90, 7219 22 10, 7219 22 90, 7219 23 00, 7219 24 00, 7220 11 00, 7220 12 00
9	Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bil-Kesħa	7219 31 00, 7219 32 10, 7219 32 90, 7219 33 10, 7219 33 90, 7219 34 10, 7219 34 90, 7219 35 10, 7219 35 90, 7219 90 20, 7219 90 80, 7220 20 21, 7220 20 29, 7220 20 41, 7220 20 49, 7220 20 81, 7220 20 89, 7220 90 20, 7220 90 80
10	Pjanċi Kwatro Inossidabbli Llaminati bis-Sħana	7219 21 10, 7219 21 90
12	Forom tal-Metall u Forom Ħfief Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7214 30 00, 7214 91 10, 7214 91 90, 7214 99 31, 7214 99 39, 7214 99 50, 7214 99 71, 7214 99 79, 7214 99 95, 7215 90 00, 7216 10 00, 7216 21 00, 7216 22 00, 7216 40 10, 7216 40 90, 7216 50 10, 7216 50 91, 7216 50 99, 7216 99 00, 7228 10 20, 7228 20 10, 7228 20 91, 7228 30 20, 7228 30 41, 7228 30 49, 7228 30 61, 7228 30 70, 7228 30 89, 7228 60 20, 7228 60 80, 7228 70 10, 7228 70 90, 7228 80 00  <b><i>kodiċi TARIC: 7228 30 69 99</i></b>
13	Vireg tar-rinforz	7214 20 00, 7214 99 10

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM
		<b><i>kodiċi TARIC: 7228 30 69 11</i></b>
14	Żbarri Inossidabbli u Forom Ħfief	7222 11 11, 7222 11 19, 7222 11 81, 7222 11 89, 7222 19 10, 7222 19 90, 7222 20 11, 7222 20 19, 7222 20 21, 7222 20 29, 7222 20 31, 7222 20 39, 7222 20 81, 7222 20 89, 7222 30 51, 7222 30 91, 7222 30 97, 7222 40 10, 7222 40 50, 7222 40 90
15	Vireg tal-Wajer Inossidabbli	7221 00 10, <b>7221 00 90</b>
16	Vireg tal-Wajer Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7213 10 00, 7213 20 00, 7213 91 10, 7213 91 20, 7213 91 41, 7213 91 49, 7213 91 70, 7213 91 90, 7213 99 10, 7213 99 90, 7227 10 00, 7227 20 00, 7227 90 10, 7227 90 50, 7227 90 95
17	Angoli, Forom u Qatgħat tal-Ħadid jew tal-Azzar Mhux Illigat	7216 31 10, 7216 31 90, 7216 32 11, 7216 32 19, 7216 32 91, 7216 32 99, 7216 33 10, 7216 33 90
18	Gzuz ta' Pjanċi	7301 10 00
19	Materjali tal-Ferrovija	7302 10 22, 7302 10 28, 7302 10 40, 7302 10 50, 7302 40 00
20	Pajpijiet tal-gass	7306 30 41, 7306 30 49, 7306 30 72, 7306 30 77
21	Profili kavati	7306 61 10, 7306 61 92, 7306 61 99

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM
22	Tubi u Pajpijiet Inossidabbli Mingħajr Saldatura	7304 11 00, 7304 22 00, 7304 24 00, 7304 41 00, 7304 49 83, 7304 49 85, 7304 49 89
24	Tubi Oħrajn Mingħajr Saldatura	7304 19 10, 7304 19 30, 7304 19 90, 7304 23 00, 7304 29 10, 7304 29 30, 7304 29 90, 7304 31 20, 7304 31 80, 7304 39 50, 7304 39 82, 7304 39 83, 7304 39 88, 7304 51 81, 7304 51 89, 7304 59 30, 7304 59 82, 7304 59 83, 7304 59 89, 7304 90 00
25.A	Tubi wweldjati kbar	7305 11 00, 7305 12 00
25.B		7305 19 00, 7305 20 00, 7305 31 00, 7305 39 00, 7305 90 00
26	Pajpijiet Iwweldjati Oħra	7306 11 00, 7306 19 00, 7306 21 00, 7306 29 00, 7306 30 12, 7306 30 18, 7306 30 80, 7306 40 20, 7306 40 80, 7306 50 21, 7306 50 29, 7306 50 80, 7306 69 10, 7306 69 90, 7306 90 00
27	Żbarri mhux Illigati u oħrajn illigati b'finatura bil-kesħa	7215 10 00, 7215 50 11, 7215 50 19, 7215 50 80, 7228 10 90, 7228 20 99, 7228 50 20, 7228 50 40, 7228 50 61, 7228 50 69, 7228 50 80
28	Wajer Mhux Illigat	7217 10 10, 7217 10 31, 7217 10 39, 7217 10 50, 7217 10 90, 7217 20 10, 7217 20 30, 7217 20 50, 7217 20 90, 7217 30 41, 7217 30 49, 7217 30 50, 7217 30 90, 7217 90 20, 7217 90 50, 7217 90 90

ANNEX II

Volumi ta' kwoti tariffarji għal kull kategorija ta' prodotti

*Il-volum annwali totali tal-kwoti tariffarji għandu jkun 18 345 922 tunnellata.*

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
1A	Folji u Strixxi Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Illaminati bis-Shana	7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, <b>7208 52 10,</b> 7208 52 99, <b>7208 53 10,</b> 7208 53 90, 7208 54 00, <b>7211 13 00,</b> 7211 14 00, 7211 19 00, 7225 19 10, 7225 30 10, 7225 30 30, 7225 30 90,	5 198 712	50 %

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
		7225 40 15, 7225 40 90, 7226 19 10, 7226 91 20, 7226 91 91, 7226 91 99		
1B	Folji u Strixxi Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Illaminati bis-Shana	7212 60 00	4 581	50 %
2	Folji Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Llaminati bil-Kesħa	7209 15 00, 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, 7209 25 00, 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7209 90 20, 7209 90 80, 7211 23 20,	1 544 759	50 %

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
		7211 23 30, 7211 23 80, 7211 29 00, 7211 90 20, 7211 90 80, 7225 50 20, 7225 50 80, 7226 20 00, 7226 92 00		
3.A	Folji Elettriċi (għajr GOES)	7209 16 10, 7209 17 10, 7209 18 10, 7209 26 10, 7209 27 10, 7209 28 10	612	50%
3.B		7225 19 90, 7226 19 80	199 079	50%
4A	Folji Miksija Metalliċi	<b>7212 50 20</b>  <b>TARIC</b> <b>kodiċijiet: 7210</b> <b>41 00 20, 7210</b> <b>41 00 30, 7210</b> <b>49 00 20, 7210</b> <b>49 00 30, 7210</b>	1 620 686	50 %

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
		<b>61 00 20, 7210</b> <b>61 00 30, 7210</b> <b>69 00 20, 7210</b> <b>69 00 30, 7212</b> <b>30 00 20, 7212</b> <b>30 00 30, 7212</b> <b>50 61 20, 7212</b> <b>50 61 30, 7212</b> <b>50 69 20, 7212</b> <b>50 69 30, 7225</b> <b>92 00 20, 7225</b> <b>92 00 30, 7225</b> <b>99 00 11, 7225</b> <b>99 00 22, 7225</b> <b>99 00 23, 7225</b> <b>99 00 41, 7225</b> <b>99 00 45, 7225</b> <b>99 00 91, 7225</b> <b>99 00 92, 7225</b> <b>99 00 93, 7226</b> <b>99 30 10, 7226</b> <b>99 30 30, 7226</b> <b>99 70 11, 7226</b> <b>99 70 13, 7226</b> <b>99 70 91, 7226</b>		

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
		<b>99 70 93, 7226</b> <b>99 70 94</b>		
4B	Folji Miksija Metalliċi	7210 20 00, 7210 30 00, 7210 90 80, 7212 20 00, 7212 50 30, 7212 50 40, 7212 50 90, 7225 91 00, 7226 99 10  kodiċijiet TARIC: 7210 41 00 80, 7210 49 00 80, 7210 61 00 80, 7210 69 00 80, 7212 30 00 80, 7212 50 61 80, 7212 50 69 80, 7225 92 00 80, 7225 99 00 25, 7225 99 00 95, 7226 99 30 90, 7226 99	1 238 995	50 %

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
		70 19, 7226 99 70 96		
5	Folji Miksija Organiċi	7210 70 80, 7212 40 80,	627 871	50 %
6	Prodotti Stanjati	7209 18 99, 7210 11 00, 7210 12 20, 7210 12 80, 7210 50 00, 7210 70 10, 7210 90 40, 7212 10 10, 7212 10 90, 7212 40 20	542 840	50 %
7	Pjanċi Kwarto Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7208 51 20, 7208 51 91, 7208 51 98, 7208 52 91, 7208 90 20, 7208 90 80, 7210 90 30, 7225 40 12, 7225 40 40, 7225 40 60	1 196 903	50%

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
8	Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Laminati bis-Shana	7219 11 00, 7219 12 10, 7219 12 90, 7219 13 10, 7219 13 90, 7219 14 10, 7219 14 90, 7219 22 10, 7219 22 90, 7219 23 00, 7219 24 00, 7220 11 00, 7220 12 00	153 186	50 %
9	Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Laminati bil-Kesħa	7219 31 00, 7219 32 10, 7219 32 90, 7219 33 10, 7219 33 90, 7219 34 10, 7219 34 90, 7219 35 10, 7219 35 90, 7219 90 20, 7219 90 80, 7220 20 21, 7220 20 29,	496 342	50 %

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
		7220 20 41, 7220 20 49, 7220 20 81, 7220 20 89, 7220 90 20, 7220 90 80		
10	Pjanċi Kwatro Inossidabbli Laminati bis-Shana	7219 21 10, 7219 21 90	17 025	50 %
12	Forom tal-Metall u Forom Ħfief Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7214 30 00, 7214 91 10, 7214 91 90, 7214 99 31, 7214 99 39, 7214 99 50, 7214 99 71, 7214 99 79, 7214 99 95, 7215 90 00, 7216 10 00, 7216 21 00, 7216 22 00, 7216 40 10,	881 735	50 %

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
		7216 40 90, 7216 50 10, 7216 50 91, 7216 50 99, 7216 99 00, 7228 10 20, 7228 20 10, 7228 20 91, 7228 30 20, 7228 30 41, 7228 30 49, 7228 30 61 7228 30 70, 7228 30 89, 7228 60 20, 7228 60 80, 7228 70 10, 7228 70 90, 7228 80 00  <b><i>kodiċi TARIC:            7228 30 69 99</i></b>		
13	Vireg tar-rinforz	7214 20 00, 7214 99 10	844 526	50 %

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
		<b><i>kodiċi TARIC: 7228 30 69 11</i></b>		
14	Żbarri Inossidabbli u Forom Ħfief	7222 11 11, 7222 11 19, 7222 11 81, 7222 11 89, 7222 19 10, 7222 19 90, 7222 20 11, 7222 20 19, 7222 20 21, 7222 20 29, 7222 20 31, 7222 20 39, 7222 20 81, 7222 20 89, 7222 30 51, 7222 30 91, 7222 30 97, 7222 40 10, 7222 40 50, 7222 40 90	133 595	50 %
15	Vireg tal-Wajer Inossidabbli	7221 00 10, <b><i>7221 00 90</i></b>	40 462	50 %

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
16	Vireg tal-Wajer Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7213 10 00, 7213 20 00, 7213 91 10, 7213 91 20, 7213 91 41, 7213 91 49, 7213 91 70, 7213 91 90, 7213 99 10, 7213 99 90, 7227 10 00, 7227 20 00, 7227 90 10, 7227 90 50, 7227 90 95	1 569 532	50 %
17	Angoli, Forom u Qatgħat tal-Ħadid jew tal-Azzar Mhux Illigat	7216 31 10, 7216 31 90, 7216 32 11, 7216 32 19, 7216 32 91, 7216 32 99, 7216 33 10, 7216 33 90	184 607	50%
18	Gzuz ta' Pjanċi	7301 10 00	31 263	50 %

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
19	Materjali tal-Ferrovija	7302 10 22, 7302 10 28, 7302 10 40, 7302 10 50, 7302 40 00	16 472	50 %
20	Pajpijiet tal-gass	7306 30 41, 7306 30 49, 7306 30 72, 7306 30 77	222 413	50%
21	Profili kavati	7306 61 10, 7306 61 92, 7306 61 99	499 493	50 %
22	Tubi u Pajpijiet Inossidabbli Mingħajr Saldatura	7304 11 00, 7304 22 00, 7304 24 00, 7304 41 00, 7304 49 83, 7304 49 85, 7304 49 89	32 967	50 %
24	Tubi Oħrajn Mingħajr Saldatura	7304 19 10, 7304 19 30, 7304 19 90, 7304 23 00, 7304 29 10, 7304 29 30,	268 901	50 %

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
		7304 29 90, 7304 31 20, 7304 31 80, 7304 39 50, 7304 39 82, 7304 39 83, 7304 39 88, 7304 51 81, 7304 51 89, 7304 59 30, 7304 59 82, 7304 59 83, 7304 59 89, 7304 90 00		
25.A	Tubi wweldjati	7305 11 00,7305 12 00	28 749	50 %
25.B	kbar	7305 19 00, 7305 20 00, 7305 31 00, 7305 39 00, 7305 90 00	83 616	50%
26	Pajpijiet Iwweldjati Oħra	7306 11 00, 7306 19 00, 7306 21 00, 7306 29 00,	250 757	50 %

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
		7306 30 12, 7306 30 18, 7306 30 80, 7306 40 20, 7306 40 80, 7306 50 21, 7306 50 29, 7306 50 80, 7306 69 10, 7306 69 90, 7306 90 00		
27	Żbarri mhux Illigati u oħrajn illigati b'finatura bil-kesħa	7215 10 00, 7215 50 11, 7215 50 19, 7215 50 80, 7228 10 90, 7228 20 99, 7228 50 20, 7228 50 40, 7228 50 61, 7228 50 69, 7228 50 80	97 315	50 %
28	Wajer Mhux Illigat	7217 10 10, 7217 10 31, 7217 10 39,	317 886	50 %

Numru tal-kategorija tal-prodott	Isem il-kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	Volum ta' kwoti tariffarji (ftunnellati)	Livell ta' dazju barra mill-kwota
		7217 10 50, 7217 10 90, 7217 20 10, 7217 20 30, 7217 20 50, 7217 20 90, 7217 30 41, 7217 30 49, 7217 30 50, 7217 30 90, 7217 90 20, 7217 90 50, 7217 90 90		

Saret dikjarazzjoni fir-rigward ta' dan ir-Regolament, li tinstab fil-ĠU C, ..., ELI: ...<sup>+</sup>

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal ir-referenza tal-ĠU tad-dikjarazzjoni, inkluż l-ELI.

## **Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-importazzjoni ta' prodotti tal-azzar mir-Russja**

Mill-bidu tal-gwerra, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ħadu miżuri bla preċedent biex inaqqsu d-dipendenzi ekonomiċi fuq ir-Russja u biex jaħdmu biex jiżguraw li l-attività ekonomika tal-Unjoni ma tikkontribwix għas-sostenn tal-isforz tal-gwerra tar-Russja.

f'dawn il-miżuri naqqsu b'mod sinifikanti l-flussi kummerċjali f'firxa wiesgħa ta' setturi, inkluż l-azzar, aċċelleraw id-diżakkoppjament u kkontribwew għar-reżiljenza tal-Unjoni, filwaqt li wrew ukoll il-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi b'mod magħqud u deċiżiv meta l-valuri u l-interessi strateġiċi tagħha jkunu friskju.

Fl-istess ħin, l-Unjoni jeħtiġilha tibqa' attenta għal dawk l-oqsma fejn id-dipendenzi jippersistu, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-azzar li l-importazzjoni tagħhom għadha mhijiex ipprojbata għalkollox.

B'mod partikolari, xi importazzjonijiet limitati li joriġinaw mir-Russja jkomplu fis-settur tal-azzar sat-30 ta' Settembru 2028, f'konformità mal-arranġamenti tranżizzjonali stabbiliti fil-miżuri restrittivi rilevanti adottati mill-Kunsill<sup>1</sup>. Sabiex tiġi żgurata diversifikazzjoni progressiva u kostanti, dawn l-importazzjonijiet huma limitati bi kwoti b'volumi li jonqsu kull sena.

Filwaqt li jfakkru fil-qafas istituzzjonali applikabbli għall-miżuri restrittivi, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenfasizzaw li l-miżuri restrittivi rilevanti adottati mill-Kunsill jirfdu trajettorja lejn eliminazzjoni gradwali sħiħa tal-importazzjonijiet li fadal tal-prodotti tal-azzar Russi, b'mod partikolari ċ-ċangaturi tal-azzar, sat-30 ta' Settembru 2028.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.